**Minuti tad-Dsatax-il (19) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2009 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

Data u ħin

** *Preżenti għal-Laqgħa*: Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sna Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur John Bray | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsilier |
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |
| | |
| Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

***Skużati***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |

Fin-nuqqas tas-Sindku l-laqgħa ġiet immexxija mill-Viċi-Sindku.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tmintax (18) -il Laqgħa tal-Kunsill**

Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 18

Il-Minuti tat-Tmintax (18)-il Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrij a.

* Is-Sindku daħlet fil-kamra u mexxiet il-laqgħa.

Il-Kunsillier Mario Camilleri ġibed l-attenzjoni li l-Minuti għandhom jaslu ġimgħa qabel u ppropona li għandhom jitqassmu lill-kunsilliera ġimgħa qabel il-laqgħa. Il-Kunsill qabel.

* Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra.

Inġibdet l-attenzjoni li kull darba li kunsillier joħroġ mill-kamra għandha tiġi nnotata.

* Il-Kunsillier Peter Abela daħal fil-kamra.

* Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.

Wara li saru l-korrezzjonijiet meħtieġa, il-Minuti tat-Tmintax (18)-il Laqgħa ġew approvati u ffirmati.

**2.00 Punti Mqajma (Laqgħa 18)**

2.01 Peress li ġie nnutat li dan il-masġar jinsab abbandunat, il-Kunsill approva li nitolbu d-devoluzzjoni tiegħu. Simar

2.02 Din l-attivita għandha issir fl-10 ta' Frar 2010. — San Pawl Milqi

2.03 Wara li s-Segretarju Eżekuttiv fakkret lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-laqgħa mwegħda dwar il-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart b'kopja lill-Assoċjazzjoni, dan ta' l-aħħar kompla għamel pressjoni biex il-laqgħa tiġi msejħa mill-aktar fis. — Kuntratt Ġbir ta' Skart

Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li meta l-Kunsill jiġi biex janalizza l-kuntratt, trukkijiet li jiġu jwaqqgħu l-għasir m'għandhomx jiġu ttollerati.

2.04 Peress li l-Kunsill ma rċeviex risposta definittiva, għandha ssir aktar pressjoni billi tintbagħat *email* lill-Ministru Austin Gatt. — Pelican Lights ħdejn Sammy's Bar

2.05 Il-Kunsillier Ray Bartolo informa lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-MEUSAC u ser jgħaddi l-idejat lil dan l-uffiċċju għal aktar għajnuna. — Għajn Rażul

2.06 Intalab parir legali. S'issa il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta. — Skema Aċċessibilita

2.07 L-AllCare infurmat lill-Kunsill li ma sabux assikurazzjoni. Għandha tintbagħat *reminder* lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex nabbugħhom bir-responsabilita. — Assikurazzjoni

Is-Sindku pproponiet li tinħareġ offerta tal-assikurazzjoni. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Abela. Il-proposta għaddiet Nem Con.

* Il-Kunsilliera Raymond Tabone, Jason Camilleri, Frank Gauci u Mario Camilleri ħarġu mil-kamra.

2.08 Skond *email* ta' l-Ispettur ta' l-Għassa Qawra, *trailers* ma jistgħux jitħallew ipparkjati fit-toroq. Is-Sindku pproponiet li jinħarġu sett ta' *bye-laws* li jipprojbixxu dan it-tip ta' ipparkjar, b'eċċezzjoni għal dawk li jipparkjaw bil-permess tal-Kunsill f'żoni awtorizzati mill-Kunsill, u li jkollhom dawl adekwat. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Alfred Grima. Il-proposta għaddiet Nem Con. — Pwales

* Il-Kunsilliera Raymond Tabone, Frank Gauci u Mario Camilleri daħlu fil-kamra.

2.09 Il-laqgħa bejn il-Union Ħaddiema Magħquda, is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Avukat tal Kunsill saret. Il-UĦM infurmat lill-Kunsill li ma tistax iġġiegħel lill-ħaddiema, kontra r-rieda tagħhom, li jidħlu nhar ta' Sibt peress li hemm ftehim kollettiv eżistenti u lanqas ma tista' tobbligahom jidħlu *overtime* jekk ma jaċċettawx. — Ħinijiet ta' l-Uffiċju

Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li fil-liġi hemm stipulat l-*overtime* u li s-Segretarju Eżekuttiv għandha dritt tobbligħom bi pre-avviż li obbligati mill-Kunsill jidħlu *overtime* nhar ta' Sibt bejn it- tmienja u nofs u n-nofs siegħa.

Il-Kunsillier Peter Abela fakkar lill-Kunsill li hemm deċiżjoni fil-laqgħa preċedenti li ma jiftaħx qabel ikun hemm sigurta' adekwata. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li hemm laqgħa skedata dwar is-sigurta'. Il-Kunsill ġie mfakkar li meta ġabar kwotazzjonijiet sabiex issir is-sigurta' meħtieġa dan is-suġġett ġie pospost peress li hemm il-ħsieb li l-uffiċini ma jibqgħux fejn jinsabu preżentament.

2.10 Il-Kunsillier Frank Gauci żar dan il-klabb u sab li l-apparat li jintuża' għall-użu ta' korsijiet u li huwa propjeta' tal-Kunsill iddeterjora bl-użu. Hu talab kopja tal-kwotazzjoni mressqa mill-President tal-klabb sabiex tiġi diskussa.. — Club Qawra Wrestling

2.11 Għandha terġa' tintbagħat *reminder* sabiex jippreżentaw ir-rapport ta' ħidma. — ELC

2.12 Il-proposta ta' l-Awtorita' Marittima ta' Malta sabiex issir *Yacht Marina* f'tal-Veċċa ma ġietx aċċettata. — Proposta għall-*Yacht Marina* f'San Pawl il-baħar

| | | |
|---|---|---|
| 2.13 | L-Awtorita' Dwar it-Transport ta' Malta (ADT) laqgħu t-talba tal-Kunsill u fetħu *file* sabiex tinġabar stima għall-approvazzjoni tax-xogħol. | Bankina Burmarrad |
| * | Il-Kunsillier Raymond Tabone ħareġ mill-kamra. | |
| 2.14 | Ġew ippreżentati l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ta' Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill għandu jipprovdi l-materjal u l-kuntrattur isewwi il-ħsarat hekk kif indikat fl-istess offerta. Il-Kunsill qabel. | Ħsarat fil-Latrini |
| 2.15 | Il-Kunsillier Mario Camilleri bagħat *email* fejn talab parir legali mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill jiffinanzja dan il-proġett ikunx fil-parametri tal-liġi. Staqsa wkoll x'jiġri jekk NGOs oħrajn jissottomettu lill-Kunsill proposta għal suġġetti simili. Is-Sindku wieġbet li jekk NGOs jissotomettu proposti bħal dawn, għandhom jitressqu għall-attenzjoni tal-Kunsill. Għandu jittieħed ukoll parir legali. | Proġett Thalasselejn |
| * | Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra. | |
| 2.16 | Il-Viċi Sindku John Bray ikkonferma li għadu jiċċekkja l-iskips miftuħa matul tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi. | Rendikont ta Pagamenti |
| 2.17 | L-appell intrebaħ u għaldaqstant il-permess ġie approvat. | Latrina tal-Pjazza PA 2207/03 |
| 2.18 | Il-Kunsillier Ray Bartolo talab li nistaqsu lid-Dipartiment jekk huwiex legali jekk nixtru xi oġġett minn fuq l-eBay. | Funtana Burmarrad |
| * | Il-Kunsilliera Mario Camilleri u Raymond Tabone daħlu fil kamra. | |
| 2.19 | Inġibdet l-attenzjoni li x-xogħol rikjest għandu jkun li l-*wires* jiġu separati minn dak tal-bar u li jsir meter għad-dawl tal-bandli. | Dawl fil-Bandli Burmarrad |
| 2.20 | L-Uffiċċjal tal-*Public Works* qal li ma jistax isir dawl ma' l-arloġġ. Il-Kunsillier Ray Bartolo qal li jista' jiġi konness ma' l-eqreb arblu. | Dawl Arloġġ Burmarrad |
| 2.21 | Il-Kunsill ġie infurmat li hemm difikulta' biex jgħaddu l-indirizzi tar-rebbieħa. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-kumitat sabiex jgħadduhielhom huma. | MOC |
| 2.22 | L-ittra lill-MEPA ntbagħatet. Il-Kunsill għandu jibqa' jfittex u jagħmel follow up mal-MEPA biex ifittex min għamel dan ix-xogħol. | Konkos |
| 2.23 | Is-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivana marru jaraw l-uniformi. Intagħażlet dik tas-sajf u ħa jinġabru l-kwotazzjonijiet għal dik tax-xitwa. | Ħaddiema Uniformi |
| 2.24 | Din il-binja haduha tal-*Bank of Valletta* u għaldaqstant għandhom jiġi nfurmati sabiex ineħħu l-*iscreen*. | Screen Cherry Tree |
| 2.25 | Il-Kunsill għandu jistaqsi lis-Sur Mario Sultana fejn tpoġġew il-bandli li tneħħew minn Kennedy Grove. | Bandli |
| 3.00 | **Korrispondenza u Komunikazzjonijiet** | |
| 3.01 | **Ref: 55/2884/09/I:** Il-Viċi Sindku attenda għal seminar dwar installazzjoni ta' Wi-fi li għandhom jitpoġġew fil-pjazza tal-lokal. Għandha tiġi identifikata pjazza li l-aktar tkun iffrekwentata miż-żgħażagħ u jkun hemm kamra biex fiha jitpoġġa l-apparat. L-ispiża tal-Kunsill ser tkun €25 fix xahar u depożitu ta' €1000 li jkopri l-apparat u li jingħata lura. | Wi-fi |
| * | Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra. | |
| | Ġie deċiż li l-Kunsilliera iresssqu l-proposti tagħhom fil-laqgħa li jmiss. | |

3.02 **Ref:55/3757/09/I:** Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jissottometti proposti għat-tmintax-il edizzjoni ta' "Riflessi Sajfin għal Youth of the Year 2009". — Fondazzjoni Oasi

Il-Kunsill ma laqax il-proposta li jagħti sponsor.

3.03 **Ref: 55/3775/I**: Tressqet talba sabiex il-Kunsill japprova pubblikazzjoni fuq KISS 91.3FM ta' waħda minn dawn: — Avviżi KISS 91.3 FM

- Tnax-il avviż kuljum għal sitt xhur sħaħ = €8.00 kuljum
- Tnax-il avviż kuljum għal tnax il-xahar sħaħ = €6.00 kuljum
- Ħmistax il-minuta air-time matul il-ġurnata = €5.00

Il-Kunsillera ġew mitluba iressqu l-proposti tagħhom għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.

3.04 **Ref: 55/3776/09/I:** Il-President u l-Kumitat tal-Banda San Pawl irringrazzjaw lill-Kunsill talli l-*wires* tneħħew mal-faċċata tal-każin tal-banda kif ukoll tal-pavimentar ġdid quddiem l-istess każin. — Ringrazzjament

* Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.

3.05 **Ref: 55/3788/09/I**: Ġiet ippreżentata Memo 37/09 hawn mehmuża li tipprovdi regolamenti dwar l-immaniġġjar ambjentali tas-siti tal-kostruzzjoni. Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li niktbu lid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali għaliex dejjem il-MEPA li tieħu l-flus, filwaqt li l-Kunsill li dejjem ibati, ma jieħu xejn. — Garanzija Bankarja fuq Xogħlijiet ta' Żvilupp

3.06 **Ref: 55/ /09/I**: Il-Kunsill approva tqegħid ta' sett ta' *bring-in-sites* fi Triq Port Ruman. Il-Viċi Sindku għandu jikkordona fejn ser jitpoġġew. — Sett ta bring-in-sites fi Triq Port Ruman

3.07 **Ref: 55/3926/09/I**: Il-proposti għal xi rotot addizzjonali mressqa mill-Kunsill lill-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Transport u Komunikazzjoni ġew inklużi fil-proposti għal rotot ġodda. — Riforma ta' Transport Pubbliku

3.08 **Ref: 55/3844/09/I**: Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali naqqas l-ammont ta' €2 602 mill-allokazzjoni finanzjarja peress li ma rċeviex informazzjoni relatata ma' kisi ta' toroq fiż-żmien mitlub. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li din il-biċċa xogħol kienet f'idejn skrivana fejn intalbet tiġbor l-informazzjoni mingħand l-ex Sindki iżda qalulha li ma jiftakrux. Meta ġejna nfurmati dwar dan, ħaditha f'idejha s-Segretarju Eżekuttiv fejn kisbet l-ismijiet tat-toroq mingħand il-Viċi Sindku u l-lista ntbagħtet lill-Perit sabiex jibgħat id-dettalji. Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li għandha tintbagħat ittra ta' oġġezzjoni abbażi li dawn it-toroq saru fi żmien meta l-irċevuti kienu jiġu pproċessati manwalment u l-proċess biex tinstab l-informazzjoni kienet tieħu ż-żmien. Il-Kunsill qabel. — Tnaqqis mill-allokazzjoni finanzjarja

3.09 **Ref: 55/3908/09/I:** Il-Kunsill iddeċieda li jħalli l-programmi bażiċi. — Melita

3.10 **Ref: 55/3496/09/I:** Il-Kunsill approva li nħallu l-internet bażiku. — Internet

3.11 PA/02238/09 Blue Waters, Triq Sant Antnin, San Pawl il-Baħar — Parkeġġ: Blue Waters

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hemm applikazzjoni biex jiżdiedu żewġ appartamenti fis-sitt sular ma' dawk approvat il-permess PA 6432/07.

Ġie deċiż li nistaqsu lill-MEPA jekk huwiex se jkun hemm parkeġġ addizzjonali. Jekk il-parkeġġ se jiżdied, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

* Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra.

3.12 **Ref:55/4209/09/I:** L-iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010 li tagħlaq fil-11 ta' Settembru 2009 ġiet imnehdija. Il-Kunsillier Frank Gauci flimkien mal-Kunsillier Alex Bezzina ġew inkarigati biex jipproċessaw l-applikazzjoni. Skema Dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010

3.13 **Ref:55/4202/09/I:** L-Awtorita' Maritima ta' Malta irreferiet għall-petizzjoni ċċirkulata reċentament kontra ż-żona ta' l-għawm f'Misraħ il-Bajja u talbet lill-Kunsill l-opinjoni tiegħu. Il-Kunsill talab kopja tal-petizzjoni mingħand l-Awtorita' u ddeċieda li joġġezzjona li jsir irmiġġ max-xatt. Għandha tinġibed ukoll l-attenzjoni li f'tas-Sementa, l-ħabel qiegħed jintrabat b'ċoff, b'konsegwenza li qiegħed jinħall minn xi sidien tad-dgħajjes sabiex ikunu jistgħu jidħlu. Żona ta l-għawm f'Misraħ il-Bajja

* Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.

3.14 **Ref:55/4060/09/I:** Il-Kunsillier Mario Camilleri staqsa xi domandi dwar permessi li nħarġu mill-Kunsill dwar skip f'Telgħet ix-Xemxija. Il-Kunsillier Mario Camilleri talab verifika u rapport mingħand il-Kumitat Konġunt dwar jekk kellux permess għax hu infurmat li ma kienx hemm permess għal ħmistax-il ġurnata. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li hemm prova ċara li xi ħadd indirizza lill-gwardjan fejn għandu jmur u fir-risposti hemm li l-Uffiċċjal Ray Grima mar magħhom. Il-Kunsillier Peter Abela irrefera għall-parti ta' l-email li hemm ismu msemmi u qal li hu kien msemmi fl-ittra għax ġieli iċemplulu xi Kunsilliera biex jitolbuh parir. Is-Sindku fakkret li l-korrispondenza għandha tintbagħat lilha bħala Chairperson ta' l-istess Kumitat qabel ma tgħaddi lill-uffiċċju tal-Kumitat Konġunt. Sadanittant, is-Segretarju Eżekuttiv tat struzzjonijiet lill-iskrivan li jekk ikun hemm talba għal-permess għal dan l-iskip għandu jikkomunika magħha sabiex jintlaħaq ftehim ta' fejn għandu jitpoġġa. Skip tela' Xemxija

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li dan għandu jiġi mpoġġi faċċata għax qiegħed itellef il-viżta tas-sewwieqa li jkunu ħerġin mit-triq tal-ġenb.

## 4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol

(a) L-iskeda ta' dħul mit-3 ta' Ġunju sa 27 ta' Mejju 2009 ammonta għal €7 709.55. Rendikont ta' Dħul ta' Fondi

(b) L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2009 ammontat għal €141 508.63. Rendikont ta' Pagamenti

Il-Kunsilliera Alfred Grima u Raymond Tabone talbu kopja tal-kontijiet abbinati mal-latrina inkluż il-ħlas li ngħata lill-perit.

* Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra.

Saret referenza għal Item 249. Ġie spjegat li dan huwa l-kont finali tal-kontijiet akkumulattivi tal-latrina ta' Triq San Ġeraldu, li huma l-valur tal-kontijiet imkejla. Barra minn dan il-kont, il-kuntrattur qed jitlob 5% bħala *contract management* fee li normalment l-Kunsill jiċċarġja. Din għaddiet għall-parir ta' l-avukat. Sadanittant, l-avukat talab estratt tal-minuti li jirrelataw ma' dan il-proġett sabiex ikun f'pożizzjoni aħjar li jagħti parir.

L-Iskeda ġiet approvata hekk kif ippreżentata.

Inġibdet l-attenzjoni li għall-attivita' ta' l-anzjani ma kien hemm imkien msemmi fl-invit li l-attivita' ġiet sponsorjata mill-Kunsill, anzi kien hemm jidher li l-Kunsill kien mistieden. Għandha tinġibed l-attenzjoni lill-uffiċċjal inkarigat miċ-Ċentru dwar dan in-nuqqas.

5.00 **Ħruġ ta' Offerti**

a) **SBBLC 04/2009: Servizz ta' *Contract Manager***
b) **SPBLC 05/2009: Kiri ta' Garaxx Għall-Użu tal-Kunsill, f'San Pawl il-Baħar**
c) **SPBLC 06/2009: Żamma u Manutenzjoni ta' Pjazza Burmarrad**
d) **SPBLC 07/2009 : Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff b'Emergenza**
e) **SPBLC 08/2009: Provvista w Installazzjoni ta' *Off-grid PV System* ġo Triq Jean de La Cassiere**

Inġibdet l-attenzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv li l-Aġenda għas-sotto-kumitat tal-offerti ġiet impustata l-Ħamis 16 ta' Lulju 2009 iżda ma waslitx qabel it-Tnejn 20 ta' Lulju 2009, li kienet l-istess ġurnata tal-laqgħa. Għaldaqstant, is-Sindku pproponiet li din il-laqgħa tal-kumitat tissejjaħ għal nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju 2009 fit-3.30pm, u dan l-item jiġi diskuss fil-kontinwazzjoni tal-laqgħa li għandha issir nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju 2009 fil-5.30pm.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn jinġabar parir tekniku dwar l-offerta 'Provvista w Installazzjoni ta' *Off-grid PV System* ġo Triq Jean de La Cassiere'. Il-Kunsill qabel li d-dokumenti ta' l-offerti mitfugħa jintbagħtu lill-Galea Curmi, Contract Manager tal-kuntratti eżistenti tad-dawl.

*

Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.

7.00 **Aġġornamenti**

Kunsillier Alfred Grima

7.01 Ġibed l-attenzjoni li qiegħed jinħela ħafna ħin f'ilmenti li normalment jiġu ndirizzati lill-Customer Care. Customer Care

7.02 Talab kopja tal-ittra tat-talba tas-Sur Matrenza dwar talba għal *speed calmers* fil-biċċa tal-*one way* ta' Triq il-Knisja. Triq il-Knisja

Kunsillier Mario Camilleri

7.03 Talab *follow-up* dwar l-*acknowledgement* tas-sistema tal-*Customer Care* fejn l-iskrivana qaltlu li ma jistgħux jiġu intraċċati. Customer Care

7.04 Informa lill-Kunsill li meta ressaq ilment sabiex siġra li qegħda tagħmel ħsara quddiem residenza tal-familja Conti Borda ix-Xemxija, il-kuntrattur preżenti qallu li ma tistax titneħħa għaliex hi protetta. Ġie deċiż li titressaq talba lil-MEPA għall-approvazzjoni. Siġra

Kunsillier Raymond Bartolo

7.05 Ipppropona li meta ikun hemm ilmenti dwar Burmarrad dawn jgħaddu lilu minghajr id-dettalji ta' min qed jaghmel ir-rapport. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar dan fil-laqgħa li jmiss, abbażi li jkun hemm ilmenti li jirrelataw karigi ta' kunsilliera oħra. Ilmenti dwar Burmarrad

7.06 Ipppropona li ssir pressjoni lill-Awtorita' tat-Transport ta' Malta' sabiex jinżabru is siġar ta' Burmarrad.

7.07 Titnaddaf il-playing field ta' Burmarrad

7.08 Isir follow-up ta' l-HSBC signs

Il-Kunsill approva.

Kunsillier Martin Żerafa

7.09 Irrefera għall-attivita' li saret fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet, Lulju Fest 2009. Filwaqt li ta Lulju Fest

prosit, il-Kunsillier Raymond Tabone, ġibed l-attenzjoni li l-Kunsilliera ma kienux mistiedna.

* Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra.

Il-Kunsillier Alfred Grima wkoll ta prosit u rringrazzjah għal din l-attivita.'

Inġibdet l-attenzjoni li jkun importanti għal attivitajiet futuri li l-attivita tiġi diskussa qabel li ssir u mhux wara.

Il-Kunsillier Martin Zerafa ta l-prosit lill-ħwienet li ħarġu bl-ideja. Gawdew l-iżjed tal-bars u ristoranti u dawk li attendew għal din l-attivita' u kien jemmen li s-*St Paul's Bay Bars and Restaurants Association* kellha tipparteċipa iżjed. Ta prosit lil ċertu ministeri li għenu fid-dekasteru tagħhom.

Is-Sindku wkoll tat prosit u qalet li kienet suċċess, u rringrazzjat lil dawk kollha li b'xi mod ghenu. Fakkret li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali jincentiva attivitajiet kulturali u proponiet li l-Kunsill jiffinanzja sa massimu ta' €5 000 bħala parti mill-ispejjeż ta' l-attivita' abbażi li jiġi preżentat il-budget ta' l-attivitajiet li saru kif ukoll l-irċevuti relatati.

Il-Kunsillier Frank Gauci qal li ma jistax jivvota għal din is-somma għaliex għas-serata Lejla Pawlina ġie vvutat inqas.

Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.

Il-Kunsillier Ray Bartolo staqsa kemm hemm allokat fil-budget. Is-Sindku pproponiet li niffinanzjaw sal-massimu tal-budġet allokat f'dan il-kwart. Ma kienx hemm qbil u ttieħed vot li ġie hekk :

Favur Sindku Graziella Galea, Viċi Sindku John Bray, Kunsilliera Peter Abela, Jason Camilleri, Mario Camilleri, Alfred Grima, Raymond Tabone u Martin Zerafa.

Astensjoni : Kunsillier Raymond Bartolo

Kontra : Kunsillier Frank Gauci.

Is-Sindku pproponiet li l-laqgħa tiġi sospiża. Kontinwazzjoni tal-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju 2009.

Il-laqgħa ġiet sospiża fit-8.35pm

***Perit Graziella Galea** BE & A (Hons)*
***Sindku***

***Rose Camilleri** DPA*
***Segretarju Eżekuttiv***

6 ta' Awissu 2009

ref: 55/4764/09/Orc